11 ta' Marzu, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Carlo V. Borda *versus* Emmanuele Borg

**Kunsens — Vizzju — Żball — Lokazzjoni — Kera.**

*Il-kunsens mogħti minn min ikun jirversa fi żball ta' dritt huwa viz-zjat u null.*

*Applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għall-każ ta' sid li raħħas il-kera għaliex kien minn għalih illi l-liġi kienet tobbligah jagħmel dak ir-roħs.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas £9 ta' żewġ trimestri kera tal-post nru. 3, St. Filomena Street, Kalkara, mill-1 ta' Ottubru 1945; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fis-7 ta' Frar 1946, fejn laqgħet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż mingħajr taxxa bejn il-kontendenti; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut *il-eċċezzjoni* tiegħu li kien hemm riduz-zjoni *bla ebda modalità* assuma li għandu jipprova dik ir-riduzzjoni, għax "reus excipiendo fit actor", mentri l-attur jin-nega li kien hemm roħs tal-kera "ut sic", għax qal li meta kien rinfaċċjat bid-dilemma li jirriduċi l-kera jew inkella jsofri *s-sanzjonijiet* tal-liġi l-ġdida, fl-injoranza tal-liġi aċċetta, taħt l-*intendiment* li *jikkonsulta* ruħu biex jara l-liġi l-ġdida tobbligahx iraħħas; illi wara l-attur informa lill-konvenut bil-

parir legali li kellu, u għalhekk ma aċċettax li jirċievi £4, b'mod li dan għaddi għad-depożitu, li ma ġiex notifikat lill-attur, u fit-tieni skadenza il-konvenut reġa' mar bl-£4 li l-attur reġa' rrifjuta u l-konvenut reġa' ddepożita, li lanqas ġie notifikat lill-attur;

Illi t-teżi ta' l-attur hija iżjed naturali, u għalhekk għandha tiġi milqugħa; illi għandha ssir moderazzjoni fl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata bir-riġett tat-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Tikkunsidra:

Illi mentri l-appellant jgħid illi r-rohs sar indipendentement minn kwalunkwe kondizzjoni, l-appellat ħalef illi huwa għamel dik ir-riduzzjoni la darba l-liġi trid hekk, u għalhekk huwa għamilha biex jikkonforma ruħu mal-liġi u ma jiġix taħt is-sanzjonijiet tagħha. Hawn jidher li ma kienx hemm l-"in idem placitum consensus" bejn il-partijiet, għaliex l-appellat aċċetta li jrażżas il-kera la darba huwa obligat skond il-liġi li jagħmel hekk; għalhekk kien qiegħed jivversa fl-"error" da parti tiegħu fuq il-liġi meta sar dak il-ftehim, għaliex kif igħid l-appellat u għandu jiġi aċċettat għax verosimili, illi lill-istess appellant li huwa sejjer jagħmel hekk la darba l-liġi tobligah jagħmel hekk; u allura, la darba kien jivversa f'żball tal-pożizzjoni legali, huwa ma jistax ikun marbut b'dik il-konvenzjoni; għax f'dan il-każ, kif irriteniet din il-Qorti in re "Mifsud vs. Polidano" fit-13 ta' Marzu 1944 f'każ analogu, u anki fit-30 ta' Ottubru 1912 (Kollez. Vol. XXI-I-541), ma jistax ikun hemm il-kreazzjoni ta 'obligazzjoni ġuridika la darba waħda mill-partijiet kienet qiegħda fi żball ta' dritt u għalhekk hija tat dak il-kunsens taħt dak l-iżball;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-appellant.